# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 4 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 49/01**

**Numru 40**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**David Azzopardi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tnax-il Liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm512.24) bilanc ghad-debitu fil-"Current Account" tal-konvenut mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "AI" sa "A13") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2000 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru, 1999 (Dok "B") u tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru li gew pprezentati mal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Il-kawza saret minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra ntavolati kontra l-konvenut mis-socjeta attrici ghal bilanci ohra mill-konvenut dovuti.

Wara li rat l-annessi dokumenti minn fol 2 sa fol 21 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-23 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm512.24,0 bl-imghax legali ulterjuri mill-(1) ewwel ta’ Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Dicembru 1999 u tal-mandati kawtellatorji ta’ qbid u ta’ sekwestru tat-23 ta’ Jannar 2001; B’riserva ghal kull dritt favur is-socjeta’ attrici in konnessjoni ma proceduri ohra intavolati kontra l-istess konvenut ghal bilanci ohra dovuti.

Alan Calleja
Dep.Reg